repubblika

A CIVIL SOCIETY MOVEMENT

# MEMORANDUM

**Lil**: Il-Kunsill Malti għas-Settur Volontarju
**Minn**: Repubblika
**Data**: is-6 ta' April 2021

## Ir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Ġbir Pubbliku) (S.L.492.03.) u dwar Organizzazzjonijiet Volontarji (Ħwienet tal-Karità) (S.L.492.04.).

1

# Sommarju Eżekuttiv

Repubblika tapprezza l-ħtieġa li jkun żgurat li l-kriminali finanzjarji ma jitħallewx jirkbu fuq l-organizzazzjonijiet volontarji biex jaġixxu bħala fronti li jgħattu r-reati kriminali tagħhom.

Ir-regolamenti li daħlu fis-seħħ permezz tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji f'Settembru 2020 jonqsu milli jintroduċu miżuri li jistgħu jikkontribwixxu b'mod realistiku biex jitrażżnu l-ħasil tal-flus u l-kriminalità finanzjarja. Waqt li r-regolamenti jfallu fejn tidħol dik li tidher il-ġustifikazzjoni ewlenija tagħhom, joħonqu il-libertajiet fundamentali taċ-ċittadini li josservaw il-liġi u jwaqqfuhom milli jassoċjaw rwieħhom jew milli jesprimu l-fehmiet tagħhom liberament.

Dan il-Memorandum:

1. itenni l-kunsiderazzjonijiet tal-libertajiet mhux negozjabbli għall-organizzazzjonijiet volontarji u għall-persuni li jagħżlu liberament li jsostnuhom finanzjarjament, biex jiċċara l-linji l-ħomor li l-Istat m'għandux jaqbeż f'demokrazija;

2. janalizza r-regolamenti li daħlu fis-seħħ f'Settembru 2020 u jipprovdi analiżi kritika tal-prattiċità raġonevoli tagħhom, u dawk li fil-fehma tagħna huma theddidiet għal-libertajiet mhux negozjabbli; u

3. jirrakkomanda triq 'il quddiem.

Ir-regolamenti ppubblikati f'Settembru 2020 huma peżanti u intrużivi. Jinjoraw il-fatt li l-NGOs iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji diġà jagħtu informazzjoni dwar l-attivitajiet finanzjarji tagħhom. Ċerti miżuri ġodda fosthom il-permessi għall-ġbir tal-fondi jew għall-involviment tal-voluntiera mhumiex meħtieġa u ma jikkontribwixxu bl-ebda mod kontra l-ħasil tal-flus.

Bl-istess mod, ir-regoli dwar il-ġbir bl-użu ta' kontenituri ssiġġillati u enveloppi mibgħuta fid-djar, lotteriji u ġbir waqt avvenimenti tal-massa jagħmlu l-proċessi mhux prattiċi. Ir-regoli l-ġodda jżidu l-ħin u l-ispejjeż bi proċeduri burokratiċi u jnaqqsu l-aċċess lill-organizzazzjonijiet volontarji li josservaw il-liġi għal donazzjonijiet konformi għalkollox mal-liġi.

Dawn il-miżuri se jtaqqlu lill-NGOs ġenwini bħall-organizzazzjonijiet kulturali, sportivi u karitattivi iżda fl-istess waqt, ma jagħmlu xejn biex jiġġieldu l-kriminalità finanzjarja.

Barra minn hekk, ir-regolamenti jagħtu s-setgħa lill-gvern biex jissanzjona, jiċċensura u fil-fatt jipprojbixxi lill-NGOs milli jesprimu ċerti fehmiet jew milli jwettqu kampanji favur politiki li l-gvern ma jaqbilx magħhom jew ma japprovahomx.

Għalhekk qed nirrakkomandaw li dawn ir-regolamenti – imdaħħla fis-seħħ mingħajr konsultazzjoni mas-settur volontarju – jiġu revokati u jinbdew konsultazzjonijiet effettivi biex jiddaħħlu regoli li jissodisfaw l-objettiv iddikjarat tal-ġlieda kontra l-kriminalità finanzjarja mingħajr ma joħonqu l-libertà fundamentali tal-persuni li jassoċjaw ruħhom f'NGO u l-libertà tal-persuni li jagħtu donazzjoni għall-kawżi li jappoġġaw.

# Werrej


| | |
|---|---|
| Sommarju Eżekuttiv | 2 |
| Werrej | 4 |
| Introduzzjoni | 5 |
| Ir-rwol tal-gvern fl-Istat | 6 |
| S.L.492.03 | 10 |
| Applikabbiltà | 10 |
| S.L.279.01 | 11 |
| Kontenituri għall-ġabriet | 13 |
| Enveloppi | 14 |
| Ġbir pubbliku mwettaq f'postijiet pubbliċi | 15 |
| Attivitajiet ta' negozju | 15 |
| Promozzjoni ta' kollezzjonijiet pubbliċi | 16 |
| Kap. 342 u Kap. 583 | 18 |
| Responsabbiltajiet u funzjonijiet tal-management | 19 |
| Ipproċessar u ġbir ta' donazzjonijiet | 19 |
| Proċeduri ta' reviżjoni mill-Kummissarju | 20 |
| Disponimenti testamentari | 21 |
| S.L.492.04 | 23 |
| Rakkomandazzjonijiet | 24 |

1

# Introduzzjoni

L-organizzazzjoni tagħna twettaq kampanji favur is-saltna tad-dritt, tistinka b'mod konsistenti għal miżuri li jxejnu l-opportunitajiet lill-kriminali finanzjarji, u tagħmel pressjoni fuq l-awtoritajiet biex jimplimentaw miżuri bħal dawn.

Aħna konxji ħafna li jeżistu organizzazzjonijiet volontarji foloz li bħalissa qed iwettqu attivitajiet suspettużi u li jeħtieġ jiġu investigati għal attività kriminali possibbli, inkluż il-ħasil tal-flus. Bħal diversi attivitajiet oħra, bħar-ristoranti, il-ħwienet, l-istabbilimenti tal-logħob tal-azzard, il-każinos, il-knejjes, l-iskejjel, l-hekk imsejħa "gentlemen's clubs" u l-bqija, anki l-organizzazzjonijiet volontarji jistgħu jintużaw għall-ħasil tar-rikavat tal-kriminalità u biex jgħattu xi attività kriminali.

L-awtoritajiet jifhmu li sempliċiment għax xi ristoranti huma tabilħaqq front għall-ħasil tal-flus, la huwa fattibbli u lanqas mixtieq li r-ristoranti kollha jiġu nazzjonalizzati u jitħaddmu bħala estensjoni tal-Istat. Minkejja li jeżistu regoli ta' trasparenza finanzjarja b'rabta mat-tħaddim tar-ristoranti biex l-Istat ikollu s-setgħa jinvestiga u jaġixxi kontra l-għemil ħażin, ħadd ma jikkunsidra serjament il-bżonn li r-ristoranti jitħaddmu kostantament fid-dell tal-kontroll tal-gvern.

Fil-każ tal-organizzazzjonijiet volontarji, huwa importanti wkoll li jinstab bilanċ bejn il-bżonn li dawn ma jsirux għodda għall-kriminali biex jgħattu r-reati tagħhom, u l-obbligu tal-Istat li jagħti l-ispazju kollu meħtieġ lis-settur volontarju biex jirnexxi.

# Ir-rwol tal-gvern fl-Istat

L-Istatut ta' Repubblika, kif adottat sa mit-twaqqif tagħha fil-25 ta' Jannar 2019, jiddikjara fl-Artikolu 4 tiegħu dan li ġej:

L-Assoċjazzjoni temmen li l-individwu għandu jinqeda mill-gvern u m'għandux ikun servjent tal-gvern, u għandu jara li dawn id-drittijiet u l-libertajiet li ġejjin ikunu dejjem protetti minn kwalunkwe intrużjoni min-naħa tal-gvern jew ta' xi awtorità statali:

1. Id-dritt tal-individwi li jiffurmaw, jissieħbu u jieħdu sehem fl-Assoċjazzjoni u jew f'xi organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili li tħaddan xi skop legali jew leċitu; b'mod partikolari l-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali għandhom ikunu vitali u inaljenabbli.

2. Din il-libertà jeħtieġ tkun ħielsa minn kull ostaklu artifiċjali, filwaqt li kwalunkwe rekwiżit għall-kisba ta' status legali jeħtieġ ikun aċċessibbli tassew bi proċeduri ċari, rapidi, apolitiċi u mhux għaljin, u kwalunkwe awtorità maħtura jeħtieġ titmexxa bi standards oġġettivi u tkun ristretta milli tieħu deċiżjonijiet b'mod arbitrarju permezz ta' rikors rapidu u effettiv għaċ-ċittadini li ma jinqdewx tajjeb minn din l-awtorità maħtura.

3. L-Assoċjazzjoni tasserixxi d-dritt tagħha stess u d-dritt tal-assoċjazzjonijiet kollha tal-persuni li joperaw ħielsa mill-intrużjoni jew l-interferenza tal-Istat fil-materji tagħhom u li jiżguraw li kull regolament jissejjes fuq kunsiderazzjonijiet xierqa f'soċjetà rregolata mis-Saltna tad-Dritt, u li l-liġijiet tal-Ġustizzja Naturali jeħtieġ jipprevalu fiċ-ċirkostanzi kollha biex tkun żgurata l-applikazzjoni libera u trasparenti tal-liġi.

4. L-Assoċjazzjoni tafferma d-dritt tagħha stess u d-drittijiet tal-individwi kollha u tal-assoċjazzjonijiet kollha tal-persuni li jesprimu l-ideat tagħhom b'kull mod li jqisu xieraq u li l-uniċi restrizzjonijiet permissibbli fuq din il-libertà jeħtieġ ikunu bbażati fuq il-protezzjoni tal-interessi li altrimenti ma jkunux protetti kif xieraq b'rimedju *ex post facto* f'każ ta' abbuż.

5. L-Assoċjazzjoni tqis li għandha d-dritt tikkomunika u tfittex kooperazzjoni ma' rappreżentanti oħra tas-soċjetà ċivili, tal-komunità tan-negozju, u ma' organizzazzjonijiet u gvernijiet internazzjonali, kemm f'Malta u anki barra minn Malta. L-individwi u l-organizzazzjonijiet għandhom id-dritt jiffurmaw u jieħdu

sehem f'networks u koalizzjonijiet biex itejbu l-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni u jsegwu għanijiet leġittimi.

6. L-Assoċjazzjoni jidhrilha li biex tkun tista' tifforma ġemgħa, din m'għandhiex tintalab tikseb permess, u tirrikonoxxi li l-kunsiderazzjonijiet tal-ordni pubbliku għandhom imexxuha fuq kif teżerċita dan id-dritt. L-iffurmar spontanju ta' ġemgħa, fejn in-notifikar ma jkunx prattiku, huwa inerenti fid-dritt ta' ffurmar ta' ġemgħa.

7. Huwa l-obbligu tal-Istat li jiżgura li kull ġemgħa ffurmata b'mod spontanju jew ippjanat titħalla teżerċita dan id-dritt u li, bl-istess mod, kull ġemgħa ffurmata b'ideat opposti titħalla teżerċita l-istess dritt.

8. L-Assoċjazzjoni tasserixxi d-dritt tagħha li tfittex u tiżgura finanzjament minn sorsi legali, inkluż mingħand individwi, negozji, is-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet internazzjonali, u organizzazzjonijiet intergovernattivi, kif ukoll mingħand gvernijiet lokali, nazzjonali u barranin.

9. L-Assoċjazzjoni tafferma li l-Istat huwa fid-dmir li jippromwovi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u għal-libertajiet fundamentali, u għandu l-obbligu li jħares id-drittijiet tas-soċjetà ċivili. F'dan ir-rigward, id-dmir tal-Istat hu kemm negattiv billi joqgħod lura milli jindaħal fid-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, kif ukoll pożittiv billi jiżgura r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u għal-libertajiet fundamentali. Id-dmir tal-Istat jinkludi obbligu addizzjonali li jiżgura li l-liġi tkun abilitanti kif xieraq, u li jkun hemm fis-seħħ il-mekkaniżmi istituzzjonali meħtieġa li jiżguraw id-drittijiet rikonoxxuti tal-individwi kollha.

Għaldaqstant fil-kuntest attwali, u filwaqt li napplikaw l-affermazzjonijiet elenkati hawn fuq, aħna nenfasizzaw il-kunsiderazzjonijiet u t-tħassib li ġejjin:

1. Minnha nnifisha, l-eżistenza ta' Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji ma taffettwax il-libertajiet fundamentali tal-assoċjazzjonijiet. Lanqas l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji kif inhu bħalissa ma jikkostitwixxi minnu nnifsu xi ksur ta' dawn id-drittijiet bażiċi. Madankollu, aħna nosservaw tendenzi ta' azzjoni minn dan l-aġent tal-Istat li taqbeż il-limiti legali u li fil-fatt tikkostitwixxi theddida għal-libertà ta' assoċjazzjoni u għal-libertà tal-espressjoni.

2. L-eżistenza ta' assoċjazzjoni ta' persuni tal-istess fehma li taġixxi fuq bażi mingħajr skop ta' qligħ u fl-interess pubbliku, mhix kontinġenti għal xi forma ta' sanzjoni jew awtorizzazzjoni mill-Istat. Id-dritt ta' assoċjazzjoni mhux xi għotja tal-awtoritajiet pubbliċi u għalhekk ma jistax jiċċaħħad b'azzjoni preventiva mill-gvern jew minn xi wieħed mill-aġenti tiegħu billi, pereżempju, jirrifjuta li jiskrittiha f'reġistru pubbliku jew billi jċaħħadha mill-permess li topera jew tiġbor fondi biex twettaq l-attività tagħha.

3. Ħadd, lanqas l-organizzazzjonijiet volontarji, mhu ogħla mil-liġi. Id-dritt ta' assoċjazzjoni libera ma jestendix għad-dritt li dik l-assoċjazzjoni, pereżempju, taħsel il-flus. Iżda l-persuni ġuridiċi kollha, inkluż l-organizzazzjonijiet volontarji, għandhom id-dritt għal proċess ġust qabel ma jiġu penalizzati għal għemil ħażin. B'mod impliċitu għandhom id-dritt ukoll għall-preżunzjoni tal-innoċenza, u din jeħtieġ tiġi riflessa fl-aġir tal-Istat fil-konfront tagħhom. M'hemmx raġuni għalfejn il-gvern jaġixxi daqslikieku qed jassumi li kull organizzazzjoni volontarja teżisti biex taħsel il-flus. Il-kastig preventiv mhuwiex aċċettabbli. Jekk xi assoċjazzjoni u dawk li jużawha bħala front iwettqu xi reati, dawn għandhom jiġu kkastigati kif xieraq, u wara li dan il-fatt jiġi ppruvat bi proċess stabbilit mil-liġi.

4. L-assoċjazzjonijiet li jwettqu kampanji għal bidliet fil-leġiżlazzjoni, biex jippromwovu twemmin jew il-konvinzjonijiet politiċi tagħhom, jew biex jimmobilizzaw opinjonijiet dwar materji pubbliċi huma, min-natura tagħhom stess, organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku. Dan mhux kwalifikat minn jekk it-twemmin jew il-fehmiet tagħhom humiex konsistenti mal-politika tal-gvern. Għajr għal ftit eċċezzjonijiet, fosthom il-promozzjoni ta' mibegħda kontra gruppi definiti legalment, l-inċitament għall-kriminalità u jew għall-vjolenza jew l-imminar tas-sigurtà pubblika, in-nuqqas ta' qbil mal-gvern hu kunsiderazzjoni irrilevanti biex tittieħed azzjoni min-naħa tal-Istat.

5. B'estensjoni ta' dan, l-għażla libera eżerċitata mill-persuni li jsostnu finanzjarjament lil dawn l-assoċjazzjonijiet hija, minnha nnifisha, att ta' espressjoni libera ta' opinjoni, imħarsa u privileġġata fil-liġi. Kwalunkwe tentattiv minn aġenzija tal-gvern li jxekkel il-finanzjament liberu lil organizzazzjonijiet ta' interess pubbliku huwa ksur tad-dritt tal-espressjoni libera ta' dawk li jixtiequ jipprovdu l-finanzjament.

6. L-organizzazzjonijiet volontarji kollha li jwettqu attivitajiet leċiti u li m'għandhomx skop ta' qligħ, iżda li huma maħsubin biex jikkontribwixxu

għall-ġid pubbliku, m'għandhomx ikunu ristretti. Il-libertà li wieħed jassoċja u joffri l-ħin, l-enerġija u l-flus għall-ġid ta' ħaddieħor ma tistax tiġi ristretta għas-sempliċi raġuni biex żgur ħadd ma jagħmel tabirruħu li qed jikkontribwixxi għall-ġid tal-oħrajn biex jaġixxi b'mod illegali għall-interessi tiegħu stess. Mill-ġdid, f'dan il-kuntest nistgħu nagħmlu paragun mar-ristoranti. Fil-qafas tar-regoli dwar, ngħidu aħna, l-iġjene, il-kwalità u l-ippjanar, id-dritt ta' persuna li tiftaħ ristorant ma jistax jiġi mminat minħabba r-riskju li r-ristorant jinfetaħ għall-ħasil tar-rikavat mit-traffikar tad-droga.

# S.L.492.03

## Applikabbiltà

L-ewwel oġġezzjoni tagħna għar-regolamenti l-ġodda ġejja mill-fatt li dawn qed joħolqu sfidi doppji u bla bżonn lill-assoċjazzjonijiet leċiti fit-twettiq tal-attività tagħhom.

Napprezzaw il-ħtieġa li ssir distinzjoni sempliċi bejn l-organizzazzjonijiet volontarji li volontarjament lesti jissottomettu l-kotba finanzjarji tagħhom għall-iskrutinju u oħrajn li jippreferu jaħbuhom.

Għaldaqstant, aħna ma nikkontestawx il-politika tal-gvern li ma jipprovdix finanzjament pubbliku lill-assoċjazzjonijiet li jirrifjutaw li jiskrittu ruħhom, iżda għandna xi riżervi f'dan ir-rigward li se nagħtu dettalji dwarhom aktar 'il quddiem f'dan id-dokument.

Napprezzaw ukoll li l-organizzazzjonijiet iskritti jridu jipprovdu informazzjoni finanzjarja lill-awtoritajiet li tista' tgħinhom jidentifikaw tranżazzjonijiet suspettużi u, jekk ikun xieraq, jitolbu verifika ulterjuri minn awdituri indipendenti, jew jirreferuhom lil aġenti tal-infurzar tal-liġi biex iwettqu investigazzjoni ulterjuri abbażi ta' suspett raġonevoli ta' għemil ħażin.

Il-proċess tal-iskrizzjoni u kull proċess ta' konformità biex assoċjazzjoni żżomm l-istatus tagħha bħala organizzazzjoni iskritta, huma mezz biex l-awtoritajiet ikollhom aċċess għal informazzjoni li tista' tipprovdi serħan il-moħħ li l-organizzazzjonijiet iskritti li huma qed jikkonformaw mal-liġi.

Dan, imbagħad, jaqdi żewġ skopijiet: (1) jixħet dawl fuq l-organizzazzjonijiet volontarji mhux iskritti li, għax jirrifjutaw li jiskrittu ruħhom u għalhekk jiżvelaw l-informazzjoni dwar l-imġiba finanzjarja tagħhom, jattiraw attenzjoni speċifika min-naħa tal-awtoritajiet; u (2) fi ħdan l-organizzazzjonijiet volontarji iskritti, jagħti twissija bikrija lill-awtoritajiet dwar għemil ħażin potenzjali.

Nagħmluha ċara li aħna naċċettaw din il-ħtieġa. Madankollu, din kien diġà indirizzaha l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji stess qabel il-promulgazzjoni ta' dawn ir-regolamenti ġodda.

Ir-regolamenti l-ġodda jagħmlu l-Att, u l-iskrizzjoni li jipprevedi, kompletament irrilevanti. L-organizzazzjonijiet li huma diġà iskritti issa jeħtieġ jitolbu l-permess tal-awtoritajiet kull darba li jkun beħsiebhom ifittxu finanzjament, u għalhekk l-isforz biex dawn jikkonformaw mal-liġi ħalli jiġu iskritti u jibqgħu iskritti fir-reġistru issa sar inutli.

Dan jissuġġerixxi, b'mod skorrett, li l-organizzazzjonijiet volontarji jeħtieġu finanzjament b'mod eċċezzjonali u okkażjonali, u li f'ċirkostanzi normali jistgħu jgħaddu mingħajru. L-assoċjazzjonijiet li ma jeħtiġux finanzjament, m'għandhomx bżonn jiskrittu ruħhom skont l-Att. U hu impliċitu li l-assoċjazzjonijiet li jiskrittu ruħhom skont l-Att, jeħtieġu finanzjament.

L-eżami doppju u t-talba għal permess għall-finanzjament huma qabelxejn peżanti amministrattivament u irrilevanti.

Iżda dawn jaffettwaw ukoll id-dritt ta' kwalunkwe assoċjazzjoni li taġixxi b'mod legali (u li tagħti prova tal-intenzjonijiet tagħha u li iskrittat ruħha wkoll skont l-Att) milli topera liberament mill-gvern u mingħajr l-intrużjoni tiegħu.

Għandu jkun ċar li m'hemm l-ebda operazzjoni volontarja leġittima li tista' teżisti mingħajr finanzjament. Xi ħadd irid iħallas l-ispejjeż. L-ispejjeż jistgħu jħallsuhom il-voluntiera stess jew kif jiġri ħafna drabi, iħallsuhom persuni oħra li jixtiequ jappoġġawhom.

Kull darba li organizzazzjoni volontarja tintalab tikseb permess biex tiġbor dawn il-fondi, din qed tkun effettivament meħtieġa mill-Istat tiġġustifika l-eżistenza tagħha u tiġġustifika l-ħidma volontarja li tixtieq twettaq. Dan, minnu nnifsu, hu ndħil fid-dritt ta' assoċjazzjoni tal-voluntiera u fid-dritt ta' espressjoni libera tad-donaturi.

## S.L.279.01

L-uniku kriterju ta' eliġibbiltà materjali li jeżiġi r-Regolament dwar il-Ġbir Pubbliku biex persuna tkun kollettur hu li l-kollettur ikun għalaq l-14-il sena (li żdiedet għal 16-il

sena bir-regolamenti attwali). Iżda r-Regolament dwar il-Ġbir Pubbliku jagħti diskrezzjoni lill-Kummissarju tal-Pulizija li jirrifjuta l-approvazzjoni lil xi ħadd milli jaġixxi bħala kollettur. In-natura eċċezzjonali tal-attivitajiet li jkopru dawn ir-regolamenti tista' tiġġustifika din it-tip ta' diskrezzjoni.

Madankollu, S.L.492.03 jittrasferixxi l-istess livell ta' diskrezzjoni unilaterali mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija għal għand il-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji.

Dan jinjora għalkollox il-fatt li l-organizzazzjonijiet volontarji iskritti diġà taw l-informazzjoni meħtieġa kollha lill-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji biex ikun jista' jagħmel analiżi aktar permanenti tal-kredenzjali tal-organizzazzjoni kollettur. L-għoti tal-informazzjoni lill-Kummissarju huwa parti mill-iskrizzjoni ta' organizzazzjoni, u l-organizzazzjonijiet għandhom ir-responsabbiltà jaġġornaw dik l-informazzjoni b'dikjarazzjonijiet minn żmien għal żmien u jissottomettu ruħhom għall-awditi meħtieġa mill-Kummissarju.

F'dan il-kuntest, dan il-livell ta' diskrezzjoni unilaterali lill-Kummissarju, li jista' jirrifjuta l-permess lil organizzazzjoni iskritta milli tqabbad kollettur li ma jixtieqx, huwa inaċċettabbli.

Il-limitu ta' tliet xhur fuq il-validità ta' permess, li minħabba fih kull kontrollur awtorizzat irid jissottometti ruħu għad-diskrezzjoni tal-Kummissarju erba' darbiet fis-sena, hu xkiel amministrattiv għall-funzjonament tajjeb tal-organizzazzjonijiet.

Uħud mill-organizzazzjonijiet għandhom kolletturi voluntiera li ilhom jaħdmu għalihom ħajjithom kollha. Dawn dejjem ġabru l-flus b'mod onest u mingħajr il-gwadann personali, fil-ħin liberu tagħhom u għal kawżi għeżież għalihom. Issa se jkollhom joqogħdu għal test ta' awtorizzazzjoni mill-gvern kull tliet xhur, u t-tag li joħorġilhom il-gvern trid tinbidel kull 6 xhur għax inkella x-xogħol volontarju tagħhom isir att kriminali u l-flus miġbura jaħtafhom il-gvern.

Aktarx li l-proċess għall-awtorizzazzjoni tal-kolletturi preskritt fir-regolamenti abbozzah xi ħadd li qatt m'organizza ġbir għal kawża ġusta. Ir-regolamenti jeżiġu li wara pproċessar ta' applikazzjoni bil-miktub, il-kolletturi tinħarġilhom tag individwali mill-Kummissarju li turi d-dettalji personali, ritratt tal-passaport, u approvazzjonijiet minn diversi amministraturi. Dan hu proċess twil u diffiċli li jeskludi l-ġbir spontanju li tant hu importanti għal diversi organizzazzjonijiet.

Kull min jaħdem f'dan is-settur jikkonferma li l-voluntieri ma ssibhomx f'ħakka t'għajn, u sikwit tiġri li l-voluntiera ma jkomplux u jkollu jinstab ħaddieħor.

Il-mistoqsija tiġi waħedha. X'tikseb din il-proċedura? Bla dubju, l-organizzazzjonijiet volontarji li ġew eżaminati u approvati mill-Kummissarju u li d-dikjarazzjonijiet tagħhom jiġu eżaminati u verifikati minnu b'mod frekwenti, jistgħu jiġu fdati biex iqabbdu l-kolletturi tal-fiduċja tagħhom biex jaġixxu f'isimhom. Wara kollox, id-donaturi se jikkontribwixxu biss għall-organizzazzjonijiet li jafdaw li se jonfqu flushom b'mod għaqli, u dak l-għaqal jiżgura wkoll li l-kolletturi mqabbda huma biss dawk li jistgħu jiġu fdati.

Ovvjament, jekk l-organizzazzjonijiet volontarji jkollhom raġuni biex jissuspettaw li xi kollettur minn tagħhom qed jisraq il-flus, l-organizzazzjonijiet isiru vittmi, mhux awturi, u jieħdu passi biex iħarsu l-interessi tagħhom u tad-donaturi.

Għalina huwa ċar li liġi dwar il-konfiska tad-donazzjonijiet illegali trid tiġi applikata kull meta dawn l-għodod jintużaw bħala front għall-ħasil ta' miljuni minn operazzjonijiet tat-traffikar tad-droga. Iżda minflok, ir-regolamenti qed jagħtu s-setgħa lill-Kummissarju biex japplika dawn ir-regoli għall-voluntiera fl-irħula li jiġbru l-flus għat-tiżjin tal-festa.

Dan qed ixekkel bil-bosta lil dawk li jaħdmu għall-komunità tagħhom u ma jagħmel xejn biex jaqbad lill-kriminali li qed jisirquhom.

## Kontenituri għall-ġabriet

Faċli wieħed jintebaħ r-rekwiżiti fir-regolamenti l-ġodda mhumiex prattiċi. Huma sproporzjonati wkoll għar-riskji materjali tal-ġabriet fil-kontenituri tal-ġbir. Huma wkoll intrużivi.

Li l-organizzazzjonijiet volontarji jiġbru l-flus għal skopijiet karitattivi jew pubbliċi hi ħaġa ordinarja. Diġà hemm liġijiet applikabbli (li r-regolamenti stess jirreferu għalihom) u dawn jeħtieġ jiġu infurzati meta n-nies jitqarrqu biex jagħtu donazzjonijiet għal xi kawża, li fil-fatt ikunu qed jintużaw għal skopijiet oħra.

Jekk wieħed jirriklama prodott kummerċjali billi jagħti informazzjoni falza dwar x'jagħmel il-prodott, dan ikun responsabbli għal azzjoni kriminali u jbati

l-konsegwenzi. Għaldaqstant m'hemmx dubju li min jitlob donazzjonijiet favur kawża li tkun falza, anki dan għandu jkun soġġett għall-istess azzjoni kriminali u konsegwenzi.

Iżda ħadd ma jissuġġerixxi li qabel ma xi ħadd jirriklama xi prodotti kummerċjali, dan irid jissottometti r-riklam u l-prodott lil xi awtorità pubblika u li l-ħlasijiet jista' jaċċettahom biss fil-preżenza ta' xi uffiċjal tal-gvern. Kull azzjoni kontra xi attività illeċita tittieħed wara li tkun ġrat l-attività. M'hemm l-ebda raġuni għalfejn l-organizzazzjonijiet volontarji jiġu trattati b'mod differenti.

Barra minn hekk, meta wieħed ikun qed juża organizzazzjoni volontarja falza biex jaħsel flusu, dan aktarx mhux se jagħmel dan bil-ġabriet fil-kontenituri. Operazzjoni tal-ħasil tal-flus aktarx se tipprova tnaddaf ammonti ferm akbar ta' flus kontanti minn kemm jiġbru ħafna mill-organizzazzjonijiet volontarji, u m'hemmx dubju li tinvolvi skala differenti ta' flus kontanti mill-flus kollha li wieħed jista' jdeffes fil-kontenituri tal-ġbir.

Fi kwalunkwe każ, organizzazzjoni b'intenzjoni ħażina tista' ddur ma' dan il-proċess billi tuża l-kontenituri tagħha stess biex tiġbor ħafna mill-flus u tuża l-kontenituri uffiċjali biex tgħatti dik l-attività. Dan se jiġġustifika l-ispezzjonijiet għall-għarrieda mill-Kummissarju u mill-ispetturi tiegħu fil-bini tal-organizzazzjonijiet?

L-Istat għandu l-obbligu li jiżgura li l-ġestjoni tal-flus kontanti tiġi regolata b'mod strett biex ikun evitat il-ħasil tal-flus. Regoli dwar id-depożitu immedjat tal-fondi riċevuti, dwar id-dikjarazzjonijiet tal-introjtu u dwar proċeduri oħra ta' kontroll *ex post* huma essenzjalment iġġustifikati.

Madankollu, stat kontrollur li jippretendi li jissorvelja fiżikament il-ftuħ u l-issiġillar tal-karusijiet tal-karità, iwaqqa' għar-redikolu l-proċess u jirrendi lill-organizzazzjonijiet volontarji f'pupazzi bla ħila u organizzazzjonijiet suspettużi *ipso facto* tal-Istat.

## Enveloppi

Ir-rekwiżit li kull min jirrifjuta li jagħti donazzjoni fl-envelopp mibgħut id-dar irid jibgħat lura l-envelopp vojt lill-organizzazzjoni kollettur, mhuwiex realistiku. Ir-rekwiżit jidher li jissuġġerixxi li jekk organizzazzjoni tonqos milli tagħti rendikont tal-enveloppi

(numerati) kollha li bagħtet fid-djar jew fil-punti tad-donazzjoni potenzjali, l-organizzazzjoni tiġi suspettata impliċitament li għamlet xi ħaġa ħażina. Dan hu inġust għall-aħħar.

In-numerar tal-enveloppi miġbura joħloq ukoll il-perċezzjoni fost id-donaturi li qed jiġu evalwati dwar jekk għamlux donazzjoni jew le, u dwar id-daqs tad-donazzjoni. Ironikament, din hija forma ta' pressjoni fuq in-nies biex jagħtu donazzjoni meta ma jkunux jixtiequ. Din hija riskju ġdid u mhux ġustifikat ta' ksur tal-privatezza.

U minħabba r-reazzjoni negattiva mistennija, hemm ir-riskju li jonqos il-finanzjament lill-organizzazzjonijiet volontarji li jiddependu fuq id-donazzjonijiet ta' din in-natura, l-aktar il-każini tal-banda u għaqdiet oħra fil-bliet u fl-irħula.

Ir-rekwiżit li jintużaw "persuni professjonisti bil-warrant" biex iwettqu skrutinju tal-fondi miġbura minn organizzazzjoni jassumi li l-professjonisti bil-warrant biss huma onesti jew kapaċi jgħoddu l-flus.

Il-miżura żżid l-ispejjeż għall-organizzazzjoni kollettur u ma tagħmel xejn biex tindirizza l-problemi reali tal-ħasil tal-flus. Dawn il-problemi ma jissolvewx bi skrutinju tal-flus tad-donaturi li jsostnu lill-kamra tan-nar tar-raħal iżda bi skrutinju tal-miljuni li "persuni professjonisti bil-warrant" jaħslu għall-barunijiet tad-droga, għall-politiċi korrotti u għat-traffikanti tal-bnedmin.

## Ġbir pubbliku mwettaq f'postijiet pubbliċi

Ir-rekwiżit li l-kolletturi jridu jibqgħu f'pożizzjonijiet fissi b'distanza ta' mhux inqas minn tletin metru bejniethom mhuwiex prattiku u joħloq intoppi bla bżonn. Biex il-ġabriet waqt il-protesti pubbliċi, il-kunċerti, il-laqgħat reliġjużi u avvenimenti oħra tal-massa jirnexxu, il-kolletturi jeħtieġ jitħallew jiċċaqilqu.

Ir-regolament jidher li qed jabolixxi l-metodu użat minn dejjem ta' ġbir bil-kopp meta l-membri ta' kongregazzjoni jkunu bilqiegħda waqt quddiesa fuq barra. Ma nistgħux nifhmu għalfejn din kienet problema li ħtieġet soluzzjoni b'regolament mill-gvern.

Ir-regolament introdott jidher li hu arbitrarju għalkollox u ma nistgħux nifhmu għalfejn hu meħtieġ.

## Attivitajiet ta' negozju

Ir-rekwiżiti amministrattivi, inkluż iżda mhux biss l-ingaġġ ta' servizzi professjonali għall-approvazzjoni ta' "ftehimiet bil-miktub", huma sproporzjonati u eċċessivi meta jitqies il-kontribut possibbli li jistgħu jagħtu dawn ir-restrizzjonijiet fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus. Ir-riskju li l-flus jinħaslu bid-donazzjoni ta' "rivisti u, jew kotba" huwa negliġibbli. Għalhekk jidher li din il-proċedura kumplessa għandha l-għan li tindirizza problema li materjalment ma teżistix.

Il-limitu massimu għall-impożizzjoni ta' rekwiżiti aktar drastiċi fuq l-attivitajiet li jiswew qrib il-€5,000 fis-sena hu assurd. Dan hu ammont żgħir ħafna li essenzjalment jagħmel dan il-mezz ta' ġbir mhux prattiku.

Inċidentalment, l-impożizzjoni ta' regolamenti li b'xi mod jillimitaw it-tqassim ta' materjal stampat ixekkel il-ħidma tal-organizzazzjonijiet volontarji li jippromwovu l-litteriżmu, l-għarfien u l-kultura fil-komunità, u jnaqqas l-aċċessibbiltà lill-persuni li aktarx dan il-materjal jixtruh biss jekk ikun ikkombinat mal-valur miżjud perċepit ta' donazzjoni għal kawża ġusta.

## Promozzjoni ta' kollezzjonijiet pubbliċi

Ir-riklamar huwa regolat b'liġijiet oħra. Ma nifhmux għalfejn għandu jkun hemm regoli speċifiċi li jirregolaw ir-riklamar biex jinġabru fondi għall-karità jew għal kawżi volontarji. U b'mod speċjali ma nistgħux nifhmu għalfejn il-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji għandu jqis lilu nnifsu bħala awtorità kompetenti f'dan ir-rigward.

Ir-regolamenti, pereżempju, jeskludu l-"indiċenza" u l-"ambigwità". Id-diċenza jkopruha r-regoli dwar ir-riklamar. It-tendenza legali kienet li jitnaqqas ir-rwol tal-gvern bħala ċ-ċensur tal-espressjoni pubblika. B'dal-mod jidher li din it-tendenza qed titreġġa' lura.

Ir-regola dwar "in-nuqqas ta' ambigwità" hi ambigwa wisq biex nikkummentaw dwarha.

Ir-regolament jissokta jipprojbixxi l-"eżaġerazzjoni" u l-probabbiltà li jiġu kkawżati "biża', ansjetà jew dwejjaq lill-pubbliku". Ninsabu mnikktin u mħassbin bl-idea li l-gvern qed jagħti lilu nnifsu d-diskrezzjoni li jiddeċiedi x'ma għandux jingħad lill-pubbliku mill-organizzazzjonijiet volontarji għar-raġuni li l-gvern jista' jqisu "eżaġerat... jew li aktarx jikkawża biża', ansjetà jew dwejjaq lill-pubbliku".

Insemmu xi eżempji. Fil-fehma tagħna, it-tibdil fil-klima għandu jikkawża biża' u dwejjaq lill-pubbliku. Bosta persuni, fosthom persuni fil-politika u fl-amministrazzjoni, jissuġġerixxu li l-ispjegazzjonijiet xjentifiċi tat-tibdil fil-klima huma "eżaġerati". Qed nagħtu s-setgħa lill-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji biex jiddeċiedi dwar materji bħal dawn u nwaqqfu lill-organizzazzjonijiet volontarji milli jesprimu l-fehmiet liberi tagħhom?

Dan jorbot ma' punt ieħor li għamilna aktar kmieni. Diġà għedna li m'aħniex nikkontestaw il-politika tal-gvern li ma jingħatax finanzjament pubbliku lill-assoċjazzjonijiet li mhumiex iskritti. Bl-istess mod, aħna naċċettaw li l-iskrutinju mtejjeb tal-attivitajiet finanzjarji tal-organizzazzjonijiet li jirrifjutaw li jiskrittu ruħhom, huwa ġġustifikat.

Madankollu, dan ma jistax ikun aċċettabbli jekk fl-istess waqt, il-gvern jabbuża mill-awtorità tiegħu u jneħħi jew iċaħħad l-iskrizzjoni lil xi organizzazzjoni purament abbażi tal-fehmiet espressi minn dik l-organizzazzjoni jew sempliċiment għax il-kawżi li twettaq kampanji dwarhom ikunu inkonsistenti mal-politika tal-gvern.

Dan mhux sempliċiment fuq materji ta' opinjoni jew kontroversja. Jekk bħala eżempju, il-gvern issirlu pressjoni politika biex inaqqas il-logħob tan-nar, dan m'għandux ikun jista' jagħmel dan billi jeżerċita xi diskrezzjoni u jwaqqaf lid-dilettanti tal-logħob tan-nar milli jiġbru l-flus.

Li s-setgħa ta' amministrazzjoni tal-iskrizzjoni tal-organizzazzjonijiet volontarji biex ikollhom dritt jaċċessaw il-finanzjament titħallat mal-awtorità preżunta u illeġittima li l-organizzazzjonijiet jitneħħew mil-lista fuq bażi diskrezzjonali hija minnha nnifisha offiża għall-prinċipji demokratiċi ta' assoċjazzjoni libera u espressjoni libera.

Din ir-regola speċifika, għalkemm hija limitata għall-kontenut tar-riklami, tindika l-intenzjoni tal-Kummissarju li juża l-liġi biex jiddetermina x'inhu indiċenti, ambigwu, qarrieqi, eżaġerat, jew li aktarx jikkawża biża', ansjetà jew dwejjaq lill-pubbliku.

Aħna rridu npoġġu dan fil-kuntest tal-azzjoni li ħa l-Kummissarju kontra Repubblika, li kkonferma pubblikament li beħsiebu jneħħina mil-lista minħabba opinjonijiet politiċi espressi f'artikli miktuba minn uffiċjali fi ħdan l-organizzazzjoni u minħabba preżentazzjoni ta' fehmiet bil-miktub lil inkjesta pubblika.

B'dan il-poter imbagħad, il-Kummissarju jista' jiddeċiedi li jneħħi mil-lista lil organizzazzjoni minħabba "eżaġerazzjoni" dwar l-impatt ambjentali ta' triq ġdida, jew għax organizzazzjoni jew grupp ta' organizzazzjonijiet jitolbu protesta pubblika dwar kawża li tolqothom mill-qrib u li l-Kummissarju jqis li tikkawża "dwejjaq", jew għax organizzazzjoni twettaq kampanji kontra l-legalizzazzjoni tal-marijuana li l-Kummissarju jqishom "eżaġerazzjoni" tal-ħsarat li tikkawża, jew għax organizzazzjoni twettaq kampanji kontra l-abort billi turi ritratti ta' embrijuni abortiti li l-Kummissarju jqishom ritratti "indiċenti", jew għax organizzazzjoni twettaq kampanji għad-dħul tal-abort li l-Kummissarju jiddikjara li huma kampanji tad-"dwejjaq".

Il-lista ta' raġunijiet possibbli għall-Kummissarju biex jiċċensura (jew ineħħi mil-lista u effettivament jipprojbixxi) lil xi organizzazzjoni volontarja hi infinita. Nistgħu nistennew sanzjonijiet kontra oġġezzjonijiet għall-iżvilupp barra miż-żoni tal-iżvilupp, kontra l-kundanna tal-kollużjoni bejn il-kriminali u l-persuni b'karigi pubbliċi, jew kontra l-insistenza li l-migranti ma jistgħux jitħallew imutu bejn sema u baħar? Jekk dawn is-sanzjonijiet ma jiġux applikati issa, għandna xi aċċertament li ma jintużawx xi darba oħra fil-futur?

Il-prinċipju ta' soċjetà ċivili indipendenti jfisser li ħadd fil-gvern m'għandu l-awtorità li jiddeċiedi x'taħseb, xi tgħid jew x'tagħmel is-soċjetà ċivili dwar kwistjonijiet bħal dawn.

F'kuntest fejn l-organizzazzjonijiet iskritti biss huma awtorizzati legalment jiġbru fondi mingħajr ma jqajmu suspett impliċitu ta' għemil ħażin, aħna ninsistu li t-tneħħija mil-lista ta' organizzazzjoni tikkostitwixxi projbizzjoni effettiva ta' dik l-organizzazzjoni u ssikket il-fehmiet tal-membri ta' dik l-organizzazzjoni u tad-donazzjoni potenzjali għall-kawża tagħha.

## Kap. 342 u Kap. 583

F'termini wiesgħa, sakemm ma jiġux eżentati b'mod speċifiku, l-organizzazzjonijiet volontarji jridu jikkonformaw mal-liġijiet kollha. Madankollu, ir-referenzi speċifiċi għal

liġijiet oħra fir-regolamenti l-ġodda jidher li għandhom l-għan li jrażżnu kwalunkwe interpretazzjoni liberali tal-liġi għal avvenimenti ta' darba maħsuba biex jiġbru l-fondi għal kawżi ġusti.

Għalhekk bħal donnu attività tat-tombla li jorganizza każin qed tiġi trattata daqslikieku operazzjoni ta' każinò li tinvolvi l-miljuni. U rkant għall-karità għal ikla ma' mudella famuża qed jiġi ttrattat daqslikieku rkant ta' kollezzjonijiet privati tal-arti ta' provenjenza dubjuża.

Jekk l-intenzjoni hija li jkun żgurat li l-ħassiela tal-flus ma jużawx il-front ta' organizzazzjoni volontarja falza biex iħalltu l-qligħ illeċitu tagħhom ma' flus kontanti ġġenerati mil-logħob tal-azzard jew minn arti ta' valur għoli, għandna bżonn definizzjoni inqas għażżiena fir-regolamenti biex jinqabdu dawn iċ-ċirkostanzi.

Minflok, din il-projbizzjoni ġenerali tikkastiga lil kulħadd, biex żgur ma ħadd ma jiżgiċċa.

## Responsabbiltajiet u funzjonijiet tal-management

Filwaqt li hu raġonevoli li l-organizzazzjonijiet volontarji jitħallew jiddelegaw il-funzjoni tal-ġbir tal-fondi lill-maniġers, u li din id-delega tiġi regolata biex ikunu żgurati t-trasparenza u l-kontabbiltà, dawn id-dispożizzjonijiet jidher li jikkontradixxu l-klawżoli li jirregolaw lill-kolletturi li skont ir-regolamenti ma jistgħux jiġu kkumpensati għall-ġbir tal-fondi.

Fil-fatt skont ir-regolamenti, meta l-kolletturi jkunu wkoll, fit-twettiq tad-doveri tagħhom, qed iwettqu xi attività oħra bi ħlas, dawn m'għandhomx jitqiesu bħala kolletturi.

Ħafna drabi, il-meniġers u l-kolletturi jkunu l-istess persuni. Dawn il-klawżoli jeħtieġu reviżjoni biex titneħħa l-ambigwità.

## Ipproċessar u ġbir ta’ donazzjonijiet

Aħna nifhmu li ladarba jistabbilixxi xi ksur ta’ liġijiet u regolamenti nazzjonali, il-Kummissarju għandu jkollu s-setgħa li jwaqqaf kwalunkwe ġbir ta’ fondi jew ġbir pubbliku. Madankollu, ir-regolamenti ma jgħidu xejn dwar min se jiddetermina li kien hemm “ksur ta’ liġijiet jew regolamenti nazzjonali”.

Jekk il-Kummissarju stess se jeżerċita din l-awtorità, allura hu ċar li neħtieġu xi forma ta’ proċess ġust. Diġà rajna lill-Kummissarju attwali jaġixxi b’tali mod li f’komunikazzjoni waħda jinkorpora talba għal informazzjoni dwar l-imġiba ta’ organizzazzjoni, determinazzjoni li l-organizzazzjoni aġixxiet ħażin, u sanzjoni. Dan kollu mingħajr l-opportunità lill-organizzazzjoni kkonċernata biex tiddefendi ruħha jew biex tirrikorri għal konsiderazzjoni mill-ġdid jew appell wara dik is-sentenza.

Bla dubju, dan mhux aċċettabbli. Effettivament, dan ifisser il-ħolqien ta’ Kummissarju b’setgħat dittatorjali ta’ prinċep.

Ir-regola li tipprojbixxi lill-kolletturi milli jwettqu ġabriet leċiti fi stabbilimenti privati li jkunu miftuħa għall-pubbliku, ma tistax tinftiehem.

Barra minn hekk, id-distanza meħtieġa minn qsim pedonali, “posta f’suq” (armar tal-monti) jew artisti fit-triq, għalkemm mhux neċessarjament tkun skumdità materjali, jidher li m’għandhiex skop ċar.

## Proċeduri ta’ reviżjoni mill-Kummissarju

Għalina, din it-taqsima hija żbaljata għalkollox, u ninsabu ddiżappuntati li dawn id-dispożizzjonijiet jiddevjaw mill-funzjonijiet tal-Kummissarju li teżiġi l-liġi awtorizzanti li stabbiliethom.

Il-Kummissarju mhuwiex pulizija fuq is-settur tal-volontarjat. Is-settur tal-volontarjat m’għandux bżonn servizzi polizjeski ffukati esklussivament fuqu, u m’għandux jiġi individwat b’dan il-mod. L-organizzazzjonijiet volontarji kollha, bħall-persuni ġuridiċi kollha, u l-voluntiera, l-impjegati, id-donaturi u l-benefiċjarji kollha fis-settur volontarju jridu jirrispettaw il-liġi, filwaqt li l-aġenziji stabbiliti bil-liġi biex jinfurzaw il-liġi jridu

jaġixxu kontra kull attività illeċita. Din hija r-raġuni għalfejn għandna aġenzija tal-intelligence finanzjarja u korp tal-pulizija.

Is-settur tal-volontarjat jeħtieġ Kummissarju li (bħalma jipprevedi l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji), ikun:

- jipprovdi informazzjoni lill-organizzazzjonijiet;
- jipprovdi informazzjoni u linji gwida lill-voluntiera "biex jilħqu aħjar l-objettivi tal-organizzazzjonijiet volontarji fejn huma jservu";
- jirrakkomanda "politiki ta' appoġġ għal organizzazzjonijiet volontarji u għal xogħol volontarju";
- jassisti lil dipartimenti oħra tal-gvern permezz ta' "politika li tkun ta' appoġġ għal organizzazzjonijiet volontarji u għas-settur tal-volontarjat b'mod ġenerali";
- jikkoopera mal-Kunsill tal-Volontarjat biex "jiżviluppa politika li tkun ta' benefiċċju għas-settur tal-volontarjat".

Biex tiżgura dan, il-liġi teżiġi li l-Kummissarju "jissorvelja l-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet volontarji biex jiżgura li d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' regolamenti magħmulin taħtu (skontu) jiġu osservati". Għaldaqstant is-sorveljanza tal-attivitajiet jeħtieġ tiffoka fuq il-konformità mal-liġi tal-organizzazzjonijiet, u mhux billi tissostitwixxi l-awtorità tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi b'servizzi polizjeski fuq l-organizzazzjonijiet volontarji daqslikieku kienu jeżistu barra mir-repubblika.

Fil-fatt, il-liġi tobbliga wkoll lill-Kummissarju li jekk "jiskopri xi fatti jew jikseb xi informazzjoni li jqajmu suspett li l-fondi li rċeviet organizzazzjoni volontarja jistgħu jkunu ġejjin minn attività kriminali", dan għandu "jiżvela mingħajr dewmien" l-informazzjoni li jsir jaf biha lill-FIAU (jew lil xi aġenzija rilevanti oħra).

Bla dubju, dan kollu għandu jkun id-dmir tal-Kummissarju.

Jekk organizzazzjoni tonqos milli tipprovdi dikjarazzjonijiet finanzjarji fil-ħin; jekk l-organizzazzjoni tirċievi donazzjoni suspettuża mingħand sors suspettuż; jekk l-organizzazzjoni tħallas lill-"impjegati" jew lill-"fornituri tas-servizzi" tagħha somom ta' flus li ma jistgħux jiġu spjegati; jekk l-attività u l-preżenza tal-organizzazzjoni ma jkunux proporzjonati mad-dħul u l-introjtu ddikjarati tagħha, allura m'hemmx dubju li dik l-organizzazzjoni jeħtieġ tiġi investigata u tittieħed azzjoni skont il-liġi kontra kull għemil ħażin. U dik l-azzjoni trid titwettaq mill-aġenziji speċjalizzati stabbiliti bil-liġi biex jaġixxu f'dawn iċ-ċirkostanzi.

Minflok, ir-regolamenti l-ġodda qed ibiddlu l-funzjonijiet tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji b'ħallata ballata ta' funzjonijiet inkompatibbli li ġustament qatt m'għandhom jingħataw lil xi entità waħda. Il-Kummissarju jawtorizza lill-organizzazzjonijiet volontarji biex jiffunzjonaw, iżommilhom idejhom tul ħidmiethom, jipproċedi kontrihom, jaqta' s-sentenzi fil-konfront tagħhom, jagħtihom il-kastigi, u jabolixxi kwalunkwe organizzazzjoni li jiddeċiedi waħdu li mhix kif suppost, mingħajr proċess ġust.

Dawn ir-regoli kollha qed isiru naturalment għad-detriment tal-funzjoni ewlenija tal-Kummissarju li jipproteġi lis-soċjetà ċivili u lill-organizzazzjonijiet volontarji, u li jiżgura li d-dipartimenti u l-aġenziji l-oħra tal-gvern ma jaġixxux b'mod li joħnoq il-libertajiet tagħhom.

## Disponimenti testamentari

Għalkemm ilkoll għandna l-għan li naħdmu favur regolamentazzjoni xierqa biex niżguraw li ma jkun hemm l-ebda sfruttament ta' xi persuna vulnerabbli, is-solleċitazzjoni tad-disponimenti testamentari mill-organizzazzjonijiet volontarji hi mezz kompletament leġittimu li jippromwovi l-ġbir tal-fondi għal ħafna NGOs f'demokraziji normali. Dan hu speċjalment iżda mhux limitat biss għall-każ tal-organizzazzjonijiet li jiġbru l-fondi għar-riċerka, it-trattament jew il-kura tal-mard.

Ir-regola kif abbozzata xxekkel is-solleċitazzjoni ta' din l-għamla ta' finanzjament, u aħna nqisuha drakonjana

Imħassbin ukoll dwar in-nullifikazzjoni tad-disponimenti testamentari bħala konsegwenza tad-deċiżjoni unilaterali tal-Kummissarju li "jneħħi l-iskrizzjoni" ta' organizzazzjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-argumenti mqajma hawn fuq dwar il-bażi inaċċettabbli u antidemokratika li l-Kummissarju diġà applika fil-konfront ta' Repubblika.

Jidher li s-setgħat bla xkiel li l-uffiċċju tal-Kummissarju ta lilu nnifsu permezz ta' dawn ir-regolamenti jinkludu wkoll is-setgħa li jinjora ix-xewqa espressa f'ħajjithom ta' volontarji li jridu jħallu legat għal kawżi li jappoġġaw.

# S.L.492.04

Id-diskrezzjoni tal-Kummissarju li jirrifjuta l-awtorizzazzjoni jew ir-reġistrazzjoni ta' ħanut tal-karità, bħad-deċiżjonijiet amministrattivi kollha, għandha tiġi applikata biss jekk dan ma jkunx jissodisfa kriterji prestabbiliti u oġġettivi għall-eliġibbiltà, wara li l-applikant ikun ingħata l-opportunità li jsolvi r-riżervi leġittimi mqajma mill-Kummissarju, u din għandha tkun soġġetta għall-appell.

Il-firxa attwali tad-diskrezzjoni indiskutibbli prevista fir-regolamenti mhix aċċettabbli.

1

# Rakkomandazzjonijiet

Aħna m'aħniex konvinti mill-impenji "temporanji" li ħa l-Kunsill f'isem il-Kummissarju biex ma jiġux infurzati r-regolamenti fis-seħħ. Għaldaqstant, filwaqt li napprezzaw l-effett prattiku tagħhom, il-"moratorju" li nnegozja l-Kunsill u d-deċiżjoni li jirrinunzja l-miżati tal-applikazzjonijiet għall-permessi għall-ġbir tad-donazzjonijiet huma minnhom innifishom evidenza tal-mod ta' kafkaf kif iddaħħlu r-regolamenti, u rikonoxximent li jidher ċar li għallinqas uħud mid-dispożizzjonijiet tagħhom mhumiex prattiċi.

L-ebda regolament jew liġi li taffettwa direttament lil xi parti mill-komunità ma għandha tiddaħħal mingħajr konsultazzjoni ma' dawk affettwati minnha. Dan huwa prinċipju ta' governanza tajba li nqabeż għalkollox f'dan il-każ.

Barra minn hekk, m'għandhom jiddaħħlu l-ebda regolament jew liġi li jkollhom ir-riskju li jimminaw id-drittijiet fundamentali mingħajr ma ssir valutazzjoni oġġettiva u ċara ta' dawk r-riskji u jitqiesu l-miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa għall-ġestjoni tagħhom. Lanqas dan ma sar.

Għaldaqstant, l-ewwel rakkomandazzjoni tagħna hija li ż-żewġ regolamenti introdotti f'Settembru 2020 jiġu revokati minnufih.

Imbagħad nappellaw lill-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji u lil aġenziji kompetenti bħall-FIAU u l-Korp tal-Pulizija biex iwettqu konsultazzjonijiet mal-organizzazzjonijiet volontarji dwar it-tfassil tar-regolamenti biex jindirizzaw it-tħassib leġittimu għall-infurzar tal-liġi li, intennu, qed naqblu dwaru bis-sħiħ.

Għandu jkun ċar li l-bidliet fil-leġiżlazzjoni li jħallu impatt fuq l-organizzazzjonijiet volontarji jiġu adottati biss wara konsultazzjoni xierqa u miftuħa magħhom. Il-bidliet għandhom jitħabbru u jiġu kkomunikati lill-organizzazzjonijiet volontarji ferm qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tagħhom. Għandu jitqies il-fatt li l-organizzazzjonijiet volontarji għandhom, skont id-definizzjoni tagħhom, riżorsi limitati kemm mil-lat ta' ħin u anki ta' persunal.

L-awtoritajiet m'għandhomx jassumu li l-organizzazzjonijiet volontarji għandhom l-għarfien espert biex jifhmu l-leġiżlazzjoni u jsarrfuha fi proċessi operazzjonali. L-organizzazzjonijiet volontarji jeħtieġ jiġu infurmati dwar il-bidliet fir-regoli b'lingwaġġ li jinftiehem u jingħataw it-taħriġ biex jadattaw.

Infakkru fid-diversi rapporti annwali preċedenti mill-uffiċċju tal-Kummissarju li jilmentaw dwar in-nuqqas ta' riżorsi disponibbli biex jissodisfa l-funzjonijiet stabbiliti mil-liġi. Din il-kwistjoni jeħtieġ tiġi indirizzata billi tingħata prijorità lill-ħtieġa li l-Kummissarju jkollu għarfien dwar ir-realtajiet li joperaw fihom l-organizzazzjonijiet volontarji. In-nuqqas ta' apprezzament għax-xogħol volontarju li jirriflettu dawn l-abbozzi ta' regolamenti ma jistax jitfaħħar.

Intennu wkoll l-apprezzament tagħna għall-ħtieġa ta' rekords, awditi u verifiki formali tal-proċessi. Iżda maħsudin dwar kemm l-awtoritajiet jidher li qed jissottovalutaw l-ispiża ta' dawn l-attivitajiet. Il-piżijiet amministrattivi imposti fuq in-negozji li jagħmlu l-qligħ huma kkunsidrati, iżda għala dan mhux il-każ għall-organizzazzjonijiet volontarji?

L-awtoritajiet jeħtieġ jikkunsidraw li jipprovdu inċentivi jew ħelsien mit-taxxa lill-professjonisti li jipprovdu servizzi *pro-bono* lill-organizzazzjonijiet volontarji iskritti, fosthom servizzi legali, kontabilistiċi, żamma tal-kotba, awditjar, ġestjoni tar-riżorsi umani, sigurtà u servizzi professjonali oħra.

Bl-istess mod, it-trasparenza fid-donazzjonijiet tista' tinkiseb aħjar jekk il-gvern jirrikonoxxi d-donazzjonijiet lill-organizzazzjonijiet volontarji ddikjarati fid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa u jippremja lil dawn b'ħelsien mit-taxxa jew b'inċentivi fiskali oħra.

Bħala organizzazzjonijiet volontarji, u bħala voluntiera li jaqdu l-interess tal-komunità, m'għandna l-ebda xewqa li ngħinu lil xi kriminali jiskappaw il-ġustizzja għal kriminalità finanzjarja jew ħasil tal-flus.

Iżda lanqas m'għandna l-intenzjoni li naċċettaw editti illeċiti jew aġir eċċessiv min-naħa tal-gvern li jwaqqfuna milli neżerċitaw il-libertajiet fundamentali tagħna, sew jekk minħabba l-intenzjoni malizzjuża tal-kriminali u sew jekk minħabba sett ta' regolamenti nofs kedda jew inkompetenti li jiġru wara min jobdi l-liġi u jħallu lil min jabbuża mil-liġi jiskappa l-ġustizzja għar-reati tiegħu.

Aħna se nissalvagwardjaw id-drittijiet tagħna, tas-soċjetà ċivili u tal-organizzazzjonijiet volontarji kollha bil-mezzi legali kollha disponibbli għalina. Dan mhuwiex biss id-dritt tagħna. Hu wkoll id-dmir tagħna u s-sejħa tagħna kif previst fl-Istatut tagħna u kkwotat aktar kmieni f'dan id-dokument.

Aħna se nibqgħu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet biex nagħtu l-kontribut tagħna fit-tfassil ta’ regolamenti ġusti u effettivi.

U nistennew ukoll li l-Kummissarju jreġġa’ lura l-fokus tiegħu fuq dak stabbilit fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji, u jehda mir-rwol attwali li jtaqqal lis-settur tal-volontarjat u minflok isir il-faċilitatur u s-sostenitur li mistenni jkun.